



Ħaddiema żgħażaġh – fatti u figuri Xogħol għaż-żgħażaġh

L-Osservatorju Ewropew tar-Riskji ħejja serje ta' rapporti li jiddiskriewu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fir-rigward ta' riskju, settur jew grupp ta' ħaddiema speċifiku. Din il-folja ta' fatti tiġbor fil-qosor rapport (1) fuq il-ħaddiema żgħażaġh. Huwa parti minn proġett ikbar, li l-għan tiegħu huwa l-identifikazzjoni bikrija ta' tendenzi u riskji emerġenti fuq ix-xogħol sabiex jgħin fl-indirizzar aħjar tar-riżorsi u sabiex ikunu jistgħu jsiru interventi aktar fil-ħin u effettivi.

Din il-pubblikazzjoni għandha l-għan li tipprovdi ħarsa lejn il-perikli li huma esposti għalihom il-ħaddiema żgħażaġh fuq il-post tax-xogħol u x'inhuma l-konsegwenzi ta' din l-espożizzjoni fuq perjodu qasir u fuq perjodu twil. Hija tagħmel dan billi tanalizza statistiċi u studji, u permezz ta' studji magħżula ta' każijiet ta' prevenzjoni.

Billi tgħaqqad din l-informazzjoni kollha, miġbura mill-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha, l-Aġenzija għandha l-għan li tipprovdi ħarsa importanti lejn l-esperjenzi tas-saħħa u s-sigurtà taż-żgħażaġh fuq il-post tax-xogħol. L-Aġenzija tixtieq li din l-informazzjoni tikkontribwixxi għal protezzjoni aħjar taż-żgħażaġh meta jibdeu il-vjaġġ tagħhom fid-dinja tax-xogħol, u għalhekk għal saħħa aħjar matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom.

Ix-xogħol taż-żgħażaġh fl-UE-25

Il-proporzjon tal-ħaddiema żgħażaġh qed jonqos kważi f'kull Stat Membru. Dan huwa riflessjoni tat-tnaqqis fir-rata ta' twelid, iżda jista' jindika wkoll li l-attivitàjiet edukattivi qed isiru aktar komuni u qed jieħdu aktar fit-tul. Barra minn hekk, ħaddiema żgħażaġh huma aktar vulnerabbli għar-reċessjoni ekonomika – min iħaddem jirreaġixxi għall-prezzjoni ekonomika billi jnaqqas milli jimpjega ħaddiema ġodda żgħażaġh.

Fl-2005, fl-UE-25 kien hemm madwar 193.8 miljun ruħ impjegata, inkluż 20.4 miljun ħaddiem żgħażuġh (2). Il-ħaddiema żgħażaġh irrappreżentaw 10.5 % tal-ħaddiema. Ir-rata tax-xogħol (3) (UE-25) laħqet 36.3 % għall-ħaddiema żgħażaġh, meta mqabbla ma' 63.6 % għall-popolazzjoni fl-età ta' bejn il-15 u l-64.

Ir-rata ta' qgħad taż-żgħażaġh fl-UE-25 kienet 18.7 %, aktar mid-doppju tar-rata totali ta' qgħad (9.0 %). F'ħafna Stati Membri fl-UE ir-rati tal-qgħad tal-ħaddiema żgħażaġh żdiedu wkoll matul dawn l-aħħar snin, għalkemm, b'mod ġenerali, hemm inqas żgħażaġh f'popolazzjoni li qed tikber fl-età. Hemm ukoll differenzi sostanzjali bejn ir-reġjuni: f'żewġ terzi tar-reġjuni ta' l-UE-25, ir-rata tal-qgħad għaż-żgħażaġh kienet mill-inqas id-doppju ta' dik totali tal-qgħad. Ir-rati reġjonali tal-qgħad għaż-żgħażaġh ivarjaw minn 6.2 % għal 59.1 %.

Madankollu, integrazzjoni b'suċċess taż-żgħażaġh fil-ħajja tax-xogħol hija vitali għas-soċjetà u għall-intrapriżi, kif ukoll hija importanti għaż-żgħażaġh infushom, u għall-kontroll minnhom stess ta' ħajjithom, saħħithom u biex iħossuhom tajjeb.

Xogħol temporanju, part-time, fi tmiem il-ġimgħa u bix-xift

Fl-2005, meta kkomparati man-numru ġenerali ta' ħaddiema, il-ħaddiema ta' bejn il-15 u l-24 sena kienu inqas ta' spiss f'xogħol full-time (72 % kontra 82 %), aktar ta' spiss f'kuntratti temporanji (39 % kontra 14 %), u aktar ta' spiss b'salarju (94 % kontra 83 %). Madankollu, meta wieħed jikkunsidra l-arranġamenti ta' xogħol informali li huma komuni fost il-ħaddiema żgħażaġh (eż. xogħol volontarju, xogħol f'negozju tal-familja, apprendistati), huwa diffiċli li wieħed jiddefinixxi xogħol.

ħafna ħaddiema temporanji fl-UE-25 kienu taħt il-25 sena: 37.5 % tal-ħaddiema żgħażaġh fl-UE-25 kellhom kuntratti temporanji. Il-perċentwali jvarjaw minn 6.8 % fl-Irlanda għal 59.4 % fi Spanja.

Skond id-dejta fuq xogħol temporanju f'aġenziji (4), nies li jaħdmu fuq kuntratti temporanji għandhom inqas aċċess għal taħriġ u għal parteċipazzjoni fl-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom fuq perjodu twil minn ħaddiema b'kuntratt permanenti. Ħaddiema temporanji għandhom ukoll anqas kontroll fuq ordni tal-ħidma, ir-rittmu tax-xogħol u l-metodi ta' ħidma, għandhom domanda aktar baxxa għax-xogħol, u huma inqas infurmati fuq ir-riskji fuq il-post tax-xogħol.

Fl-2005, wieħed minn kull erba' ħaddiema żgħażaġh kellu xogħol part-time. Ix-xogħol part-time qed jiżdied ukoll. Riċerka dwar xogħol part-time fl-Ewropa tindika li hemm inqas opportunitijiet għal taħriġ u progress fil-karriera (5). Il-livell tas-salarji u benefiċċji tas-sigurtà soċjali huma ħafna drabi aktar baxxi u x-xogħol huwa tipikament monotonu.

Barra minn hekk, aktar min-nofs il-ħaddiema żgħażaġh ħadmu għallinqas Sibb wieħed f'xaxar. Kien hemm ukoll it-tendenza li ħaddiema żgħażaġh jaħdmu bix-xift.

Fejn jaħdmu l-ħaddiema żgħażaġh?

ħarsa fid-dettall skond is-settur turi li, fl-UE-25, l-ogħla proporzjon ta' ħaddiema żgħażaġh jinstab fil-lukandi u fir-ristoranti (22.7 %), u s-snaġġa' (16.3 %). Is-settur ta' ospitalità huwa s-settur numru wieħed għal xogħol għall-ħaddiema żgħażaġh f'20 minn 25 Stat Membru u fost l-ewwel 3 fl-Istati Membri kollha.

Din id-distribuzzjoni għandha implikazzjonijiet importanti għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema żgħażaġh minħabba s-sett speċifiku ta' kundizzjonijiet potenzjalment ta' ħsara li jikkarakterizzaw dawn is-setturi (inkluż ħlas baxx, xogħol temporanju staġjonali, kundizzjonijiet ħżiena ta' xogħol u xogħol li jttlob saġrificju fiżiku). Fl-UE-25 fl-2005, ħaddiema żgħażaġh kienu l-aktar impjegati bħala ħaddiema ta' servizz (5.2 miljun), segwiti minn ħaddiema tas-sengħa u ħaddiema relatati (3.6 miljun). Skrivani (2.7 miljun) u tekniċi u professjonisti assoċjati kienu flimkien fit-tielet post (2.7 miljun), segwiti mill-qrib minn xogħlijiet elementari (2.5 miljun). Din il-

(1) <http://osha.europa.eu/publications/reports/7606507>


(2) Ħaddiema żgħażaġh: 15 sa 24 sena.

(3) Ir-rata tax-xogħol tirrappreżenta n-numru totali ta' persuni b'xogħol bħala perċentwal tal-popolazzjoni tal-grupp ta' nies ta' dik l-età.

(4) Goudswaard, A., Andries, F., 'Employment status and working conditions'. <http://www.eurofound.eu.int/publications/htmlfiles/ef0208.htm>

(5) Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u x-Xogħol, Dublin. 'Part-time work in Europe', 2005.

<http://www.eurofound.eu.int/ewco/reports/TN0403TR01/TN0403TR01.pdf>



Proporzjon ta' ħaddiema żgħażaġh għal kull settur, UE-25, 2005, LFS

ħarsa fid-dettall fuq l-impjegji tvarja xi ftit bejn l-Istati Membri. Mill-2000 sa l-2005, l-akbar żieda fin-numru ta' ħaddiema żgħażaġh kien fil-ħaddiema fil-qasam tas-servizzi u ħaddiema fil-ħwienet u fil-bejgħ (+0.38 miljun).

ħafna mis-setturi u xogħlijiet huma kkaratterizzati minn riskji għoljin ta' aċċidenti, espożizzjoni għal ħafna perikli fuq il-post tax-xogħol jew, bħal fil-każ ta' ħaddiema tas-servizzi, sitwazzjonijiet ta' xogħol prekarji.



© Hasse Eriksson

Differenzi bejn is-sessi

Il-ħaddiema żgħażaġh jiffaċċjaw differenzi fis-sessi daqskemm tiffaċċja l-popolazzjoni ġenerali ta' ħaddiema. Aktar żgħażaġh irġiel milli nisa huma impjegati: fl-2005, 11.1 miljun żaġġu u 9.3 miljun żaġġuħa kienu qed jaħdmu fl-UE-25. Madankollu, huwa diffiċli li wieħed isib dejta fuq espożizzjonijiet u effetti fuq is-saħħa li turi differenza bejn żgħażaġh nisa u rġiel.

Kwistjonijiet dwar is-sessi jikkontribwixxu bil-kbir għal espożizzjoni differenti ta' perikli u għalhekk għal effetti differenti fuq is-saħħa. Per eżempju, il-hairdressing huwa professjoni predominant femminili, b'87 % ħaddiema nisa. Aktar minn miljun ruħ huma impjegati f'madwar 400 000 hairdressing salon fl-Ewropa. Dan is-settur huwa ikkaratterizzat minn ħaddiema żgħażaġh: 83 % tar-rekruti għandhom inqas minn 26 sena u 56 % għandhom inqas minn 19. Bħala riżultat, kważi l-fatturi ta' riskju kollha għall-hairdressers huma awtomatikament rilevanti għal ħaddiema żgħażaġh. Għalhekk il-problemi ta' saħħa prinċipali f'dan is-settur – problemi fil-ġilda, ażżma u problemi muskuloskeletalni (MSDs) – jaffettwaw l-aktar lil nisa żgħażaġh.

Hemm bżonn ta' aktar riċerka biex:

- jinkiseb profil tar-riskji għal ħaddiema żgħażaġh u l-espożizzjoni tagħhom għal fatturi fuq il-post tax-xogħol bħal sustanzi perikolużi, (aktar speċifikament aġenti bijoloġiċi, karċinoġeni u reprotossikanti), ħsejjes u vibrazzjoni, kundizzjoni ta' xogħol ta' tbatija fiżika u riskji psikosoċjali;
- issir valutazzjoni ta' l-importanza ta' riskji speċifiċi għall-ħaddiema żgħażaġh f'setturi li fihom jiġu impjegati ħafna nies, b'attenzjoni speċjali għas-settur tas-servizzi;
- issir valutazzjoni tad-differenzi bejn is-sessi u l-importanza relattiva tar-riskji rispettivi għall-ħaddiema żgħażaġh irġiel u nisa;
- isir aġġustament ta' miżuri ta' għarfien, taħriġ u prevenzjoni għad-differenzi identifikati hawn fuq u jiġu inklużi kwistjonijiet ta' diversità, per eżempju rigward ħaddiema migranti żgħażaġh;
- jiġi assigurat li taħriġ li ma jwassalx għal kwalifiki formali (li kull ma jmur aktar jikkonċerna ħaddiema nisa, per eżempju f'setturi tas-servizzi bħal kura fid-dar) inkluż is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH);
- il-linji politiċi ta' naqqis tar-riskji ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol jiġu mmirati lejn il-ħaddiema żgħażaġh. Kooperazzjoni bejn oqsma politiċi (eż. is-settur tas-saħħa, kontra t-ħaddim tat-tfal, is-sigurtà fit-trasport) jistgħu jkunu wkoll ta' benefiċċju f'dan ir-rigward;
- tinforma attivitajiet biex ipoġġu l-OHS fl-edukazzjoni prinċipali fil-livelli kollha.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport jikkontribwixxi wkoll għall-kampanja annwali ta' l-Aġenzija, il-Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li fl-2006 kienet iddedikata għall-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq il-post tax-xogħol. Taħt is-slogan 'Ibda bit-Tajjeb', aktar minn 30 pajjiż ipparteċipaw b'mod attiv fl-akbar kampanja dwar l-OHS fl-Ewropa biex tiproteġi lill-ħaddiema żgħażaġh.

Informazzjoni fuq l-espożizzjoni għal riskji u l-effetti fuq il-ħajja għall-ħaddiema żgħażaġh huma miġbura f'sommarju f'Fatti 70: **ħaddiema żgħażaġh – fatti u figuri: Espożizzjoni għal riskji u effetti fuq is-saħħa.**

Aktar informazzjoni fuq is-sigurtà tal-ħaddiema żgħażaġh hija disponibbli minn: <http://ew2006.osha.europa.eu/>

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Gran Vía, 33, E-48009 Bilbao

Tel. (+ 34) 94 479 43 60, Fax (+ 34) 94 479 43 83

E-mail: information@osha.europa.eu

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm ikun hemm għarfien tas-sors. Printed in Belgium, 2007



Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

<http://osha.europa.eu>